# Fil-Qorti tal-Magistrati
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Francesco Depasquale

### Il-Pulizija
### (Spett Neil Harrison u Spett Norbert Ciappara)

### vs

### Alfred Bugeja
(**ID**828557(M))

Att ta' Akkuza 1091/2008

Illum 21 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fl-1 ta' Novembru 2002 fil-konfront ta' **Alfred Bugeja** ta' erbgha u erbghin sena (44), iben Costantino u Helen nee' Vidal, imwieled Pieta fit 3 ta' Dicembru 1957 u presentement mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur ta' karta ta' identita Nru 828557(M) fejn fl-ewwel kap:

Gie akkuzat illi, flimkien ma' persuni ohra, illi f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur qabel dina d-data:

- assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; u

- ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex iejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Lligijiet ta' Malta.

Fit-tieni kap, gie akkuzat ukoll illi sar recidiv b'erbgha sentenzi moghtija mill-Qorti Kriminali fis 16 ta' Novembru 1998, u mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis 16 ta' Gunju 1998, fit 2 ta' Settembru 1999 u fid 29 ta' Jannar 2001.

Ra l-istatement ta' l-akkuzat Alfred Bugeja moghtija fis-16 ta' Awissu 2002 u ppresentata ma l-atti promoturi (fol 46)

Ra illi fl-5 ta' Dicembru 2008, saret is-separazzjoni tal-gudizzju, fejn il-proceduri kontra l-akkuzat flimkien ma' Charles Steven Muscat bdew jimxu separatament mill-proceduri illi kienu jinkludu akkuzat ohra.

Ra ix-xhieda tal-**Assistent Kummissarju Neil Harrison** gia mismugha fil-kawza '*Il-Pulizija vs Mario Camilleri et*' fit 13 ta' Novembru 2002.(fol 89)

Ra ix-xhieda tal-**Ispettur Norbert Ciappara** moghtija fit 28 ta' Awissu 2009.(fol 134)

Ra ix-xhieda tal-**WPS 86 Diane Fenech**, tal-**WPC 119 Cynthia Haber**, tal-**PC 599 Clive Mangion**, tal-**PS 1574 Renaldo Cremona**, tal-**PC 706 Norman Cremona**, tal-**PC 10 Trevor Cassar Mallia**, tal-**PC 213 Nicolai Borg** u tal-**PC 553 Ryan Pace**, lkoll moghtija fil 15 ta' Dicembru 2009. (fol 170)

Ra ix-xhieda ta' **Joseph Sacco**, **Helen Bugeja**, **PS 951 Joseph Tonna**, **PS 536 Jason Caruana**, **Martin Bajada**, **PC 1183 Oliver Borg** u **Supretendent Norbel Ciappara**, lkoll moghtija fit 22 ta' Dicembru 2009. (fol 187)

Ra ix-xhieda tal-**PS 1086 Johann Micallef** u **Brian Farrugia**, bhala rappresentant tal-Malta Transport, moghtija fit 8 ta' Jannar 2010. (fol 254)

Ra ix-xhieda ta' **Maria Dolores Fenech**, ghar-Registratur tal-Qorti Kriminali moghtija fil 5 ta' Frar 2010 (fol 277)

Ra ix-xhieda ta' **Joseph Zammit**, **Noel Scerri**, **Dr Claire Cassar**, **Alphonse Cauchi**, **Wilfred Agius**, **l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina**, **PS 579 Antoine Micallef**, **PC 1013 Raymond Debono**, **PC 102 Anthony Portelli**, **PC 368 Stephen Monreal**, lkoll moghtija fis 6 ta' Frar 2010. (fol 841)

Ra ix-xhieda ta' **l-Ispettur Anthony Cassar**, u **Martin Bajada** moghtija fit 22 ta' Frar 2010. (fol 866)

Ra ix-xhieda ta' **Dr Stephen Farrugia Sacco**, **David Scicluna**, **PS 1044 Gordon Calleja**, **Emanuel Borg**, **Daniel Bonnici**, **Isaac Chetcuti**, **Romeo Bone**, u **Abraham Zammit** lkoll moghtija fid 6 ta' April 2010. (fol 881)

Ra ix-xhieda ta' **Marouska Baldachino**, ghar-Registratur tal-Qorti Kriminali, moghtija fl-14 ta' April 2010. (fol 901)

Ra ix-xhieda ta' **Martin Bajada** u **Marisa Bartolo** moghtija fis 17 ta' Mejju 2010. (fol 1239)

Ra ix-xhieda ta' **Dr Elena Naudi Depasquale** u **Carmen Borg** moghtija fl- 4 ta' Gunju 2010 (fol 1245).

Ra ix-xhieda ta' **Salvino Sacco**, **Joyce Agius, Emanuel Camilleri** u **Trudy Testa** lkoll moghtija fit 2 ta' Awissu 2010.

Ra illi fit 13 ta' Settembru 2010, bis-sahha tal-Artikolu 31 tal-Kap 101, inharget l-ordni tal-Avukat Generali sabiex Alfred Bugeja jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall ksur tal-provvediment tal-istess Ordinanza. (fol 1269)

Sema x-xhieda ta' l-akkuzat **Alfred Bugeja** moghtija in ezami u kontro ezami fit 12 ta' Novembru 2014.(fol 1290)

Ra illi fil-11 ta' Frar 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi illi hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi f'Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi kienu gew infurmati illi kien qed isiru arrangamenti sabiex jigi impurtati gewwa Malta konsenja ta' madwar zewgt kilos kokaina, kilo eroina u madwar elfejn (2,000) pillola tal-Ecstasy minn gewwa l-Olanda, illi huma lkoll sustanza illegali ai fini tal-Kap 101.

Jirrizulta illi, sussegwentement, l-akkuzat Alfred Bugeja, li kien jinsab gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kien gie avvicinat f'Jannar 2002, minn Emanuel Camilleri, illi kien ukoll jinsab gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u li kien qieghed jorganizza l-importazzjoni ta' tali droga, sabiex Bugeja jassistihom fix-xiri u l-importazzjoni ta' l-istess droga.

Jirrizulta, di fatti, illi Emanuel Camilleri kien staqsa lilll Alfred Bugeja biex, hekk kif johrog mill-habs, isib lill-xi hadd biex jilta mieghu u flimkien itellghu $46,000 flimkien ma' xi Lm7,000 ohra fl-Olanda u imbghad inizzlu d-droga fuq indikata.

Jirrizulta illi l-akkuzat kien offert, bhala rikompensa, illi jzomm l-elfejn (2,000) pillola tal-Ecstasy filwaqt illi il-persuna l-ohra illi kellu jilta mieghu kien jinghata Lm1,000.

Jirrizulta illi l-akkuzat Alfred Bugeja accetta tali l-proposta u minnufih ikkomunika ma' huh Albert Bugeja sabiex jassistieh wara illi huh l-iehor Christian Bugeja ma kienx lest illi jghinu.

Jirrizulta illi, madanakollu, hekk kif Alfred Bugeja hareg mill-habs u ghamel l-arrangamenti necessarji, huwa ma regghax gie kkuntattjat minn Emanuel Camilleri, liema Emanuel Camilleri, flimkien ma' persuni ohra, kienu qabbdu lill-nies ohra sabiex jaghmlu l-azzjoni illi kienet giet proposta u accettata minn Alfred Bugeja.

Jirrizulta illi eventwalment dina l-konsenja ta' drogi, ghalkemm tnizzlet Sqallija, gewwa l-Italia, minn persuni ohra sabiex eventwalment titnizzel gewwa Malta, ma wasslietx Malta wara intervent propizju tal-Pulizija Taljana flimkien ma' dik Maltija.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fix-xhieda ta' Alfred Bugeja moghtija quddiem dina l-Qorti kif ukoll fl-istatement moghti mill-istess akkuzat u kkonfermata mill-Prosekuzzjoni, huwa jikkontendi illi ghalkemm kien minnu illi huwa kien ftiehem ma' Emanuel Camilleri sabiex jehodlu l-flus gewwa l-Olanda sabiex eventwalment huwa jkun jista jnizzel id-drogi lura Malta u jithallas ghas-servizzi tieghu billi jiehu elfejn pillola tal-Ecstasy, attwalment ma kienx bi hsiebu illi jnizzel id-droga rikjesta, peress illi huwa kien bi hsiebu illi jisraq il-flus lill Emanuel Camilleri billi jghid li kienu serqulu l-karozza tieghu bil-flus b'kollox.

Jirrizulta, madanakollu, illi dina l-verzjoni tal-fatti da parte ta' Alfred Bugeja ma giet ikkorroborata minn ebda xhud, ghalkemm dina l-Qorti semghet hafna xhieda in konnessjoni mal-kaz odjern, il-maggoranza tax-xhieda irrilevanti ghal kollox ghall-proceduri odjerni.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-akkuzat ftiehem ma' Camilleri fuq il-proposta illi saritlu sabiex huwa jnizzel zewgt kilos Cocaina, kilo Eroina u elfejn pillola tal-Ecstasy, liema azzjoni, minnha innifisha hija sufficjenti sabiex jinstab hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra biex jimpurtaw u jittraffikaw id-droga fuq imsemmija.

Kif qalet il-Qorti Kriminali fil-kawza '***Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Aquilina***' deciza fl-4 ta' Marzu 2015, "*la kien hemm ftehim bejniethom u kien hemm ukoll ftehim dwar il-modalita' ta' kif kellha tigi mwettqa dik l-operazzjoni, kwindi ghall-fini tal-assocjazzjoni dan ir-reat jissussisti*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta wkoll illi l-akkuzat huwa recidiv b'sensiela interminabbli ta' reati minnu kommessi u li taghhom instab hati, partikolarment b'decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kriminali fis 16 ta' Novembru 1998, u mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis 16 ta' Gunju 1998, fit 2 ta' Settembru 1999 u fid 29 ta' Jannar 2001.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi, fil-kaz odjern, l-involviment tal-akkuzat fl-importazzjoni tad-droga ma komplietx mhux minhabba f'xi rieda da' parte ta' l-akkuzat, izda unikament in vista tal-fatt illi huwa ma giex aktar ikkuntattjat minn Emanuel Camilleri, li kien qieghed jorganizza tali importazzjoni, u li mieghu kien ftiehem l-akkuzat.

Kif qalet il-Qorti Krimnali fil-kawza "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Emmanuel Camilleri*" deciza fis-16 ta' Dicembru 2015 u li kienet tirrigwarda l-kaz ta' l-importazzjoni tad-droga illi l-akkuzat kien ftiehem illi jdahhal, l-azzjoni illi fiha kien involva ruhu l-akkuzat setgha kellha konsegwenzi serji hafna, u kif qalet l-istess Qorti Kriminali, seta "*kellu konsegwenzi serji li iwasslu ghar-rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh, li qed jinkakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus*".

Il-Qorti tosserva wkoll illi huwa car illi l-akkuzat ma huwa intimidat bl-ebda mod mill-konsegwenzi illi l-azzjonijiet tieghu jistghu iwasslu u ma ghandu ebda biza u rispett tal-Ligi. Ghalhekk il-Qorti ma thossx illi ghandha tiehu in konsiderazzjoni il-fatt tat-trapass konsiderevoli taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat, stante illi l-Qorti hija certa li kieku l-akkuzat ma kienx jinstab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fil-prezent, huwa certament kien jinvolvi ruhu f'atti kriminali ohra, bi hsara lis-socjeta taghna u liz-zghazagh li qed isofru minn vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk, il-Qorti qieghda

**Tiddikjara** lill-Alfred Bugeja <u>**hati**</u> talli fit 30 ta' Mejju 2002 u matul is-sitt xhur ta' qabel, f'Malta u barra minn Malta:

- assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; u

- ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex iejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Lligijiet ta' Malta.

- sar recidiv b'erbgha sentenzi moghtija mill-Qorti Kriminali fis 16 ta' Novembru 1998, u mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis 16 ta' Gunju 1998, fit 2 ta' Settembru 1999 u fid 29 ta' Jannar 2001.

**Tikkundanna** lill Alfred Bugeja, wara illi rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22 (1) (a) (f) (1A) (1B) (2) (b) (i) (3A) (a) (b) (c) (d) u 26 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap 101), r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (LS 101.02) u l-artikolu 23, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) ghal piena komplessiva ta' sebgha (7) snin prigunerija u multa ta' hdax-il elf u hames mitt Euro (€11,500) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-proviso tal-artikolu 11 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tordna** ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha illi dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur